

Agrana Zucker GmbH

vs

**Bundesminister für Land- und Forstwirtschaft,
Umwelt und Wasserwirtschaft**

(talba għal deċiżjoni preliminari
mressqa mill-Verwaltungsgerichtshof)

“Zokkor — Skema temporanja ta’ ristrutturazzjoni tal-industrija taz-zokkor fil-Komunità Ewropea — Regolament (KE) Nru 320/2006 — Artikolu 11 — Eċċess ta’ dħul għall-fond għar-ristrutturar — Assenjazzjoni lill-FAEG — Prinċipji ta’ attribuzzjoni tal-kompetenzi u ta’ proporzjonalità — Obbligu ta’ motivazzjoni — Arrikkiment indebitu”

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tmien Awla) tat-28 ta’ Lulju 2011 . . . I - 7337

Sommarju tas-sentenza

1. *Agrikoltura — Organizzazzjoni komuni tas-swieg — Zokkor — Skema temporanja ta’ ristrutturazzjoni tal-industrija taz-zokkor — Ammont temporanju, dovut mill-impriżi, għar-ristrutturazzjoni*
(Regolament tal-Kunsill Nru 320/2006, it-tieni subparagraphu tal-Artikolu 1(3) u l-Artikolu 11)
2. *Agrikoltura — Organizzazzjoni komuni tas-swieg — Zokkor — Skema temporanja ta’ ristrutturazzjoni tal-industrija taz-zokkor — Ammont temporanju, dovut mill-impriżi, għar-ristrutturazzjoni*
(Artikolu 37 KE; Regolament tal-Kunsill Nru 320/2006, Artikolu 11)

3. *Atti tal-istituzzjonijiet — Motivazzjoni — Obbligu — Portata — Regolament li jistabbilixxi skema temporanja ta' ristrutturazzjoni tal-industrija taz-zokkor*
(Artikolu 253 KE; Regolament tal-Kunsill Nru 320/2006, premessa 2, it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 1(3) u Artikolu 11)

4. *Agrikoltura — Organizzazzjoni komuni tas-swieq — Zokkor — Skema temporanja ta' ristrutturazzjoni tal-industrija taz-zokkor — Ammont temporanju, dovut mill-impriżi, għar-ristrutturazzjoni*
(Regolament tal-Kunsill Nru 320/2006, Artikolu 11)

5. *Agrikoltura — Organizzazzjoni komuni tas-swieq — Zokkor — Skema temporanja ta' ristrutturazzjoni tal-industrija taz-zokkor — Ammont temporanju, dovut mill-impriżi, għar-ristrutturazzjoni*
(Regolament tal-Kunsill Nru 320/2006, Artikolu 11)

1. L-Artikolu 11 tar-Regolament Nru 320/2006, li jistabbilixxi skema temporanja għar-ristrutturar tal-industrija taz-zokkor fil-Komunità Ewropea u li jemenda r-Regolament Nru 1290/2005 dwar il-finanzjament tal-politika agrikola komuni, għandu jiġi interpretat fis-sens li hemm lok li jinġabar l-ammont temporanju kollu, anki fl-eventwalitā fejn il-fond għar-ristrutturar temporanju jesperjenza eċċess ta' dħul.

Fil-fatt, minn naħħa, l-imsemmi Artikolu 11(1) jipprovdi li l-impriżi li jkollhom kwota għandhom iħallsu, għal kull sena ta' kummerċjalizzazzjoni, ammont temporanju li jiġi ffissat, fil-paragrafu 2 tal-imsemmi artikolu, għas-snin ta' kummerċjalizzazzjoni 2006/2007, 2007/2008 u 2008/2009. Min-naħħa l-oħra, l-eventwalitā ta' eċċess ta' dħul li joriġina minn dan l-ammont temporanju meta mqabbel mal-infiq

marbut mal-finanzjament ta' miżuri ta' ristrutturar li għalihi huwa ddestinat, ġie previst mil-leġiżlatur tal-Unjoni fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 1(3) tal-istess regolament, li jipprovd li kull ammont disponibbli bħala fond għar-ristrutturar wara l-finanzjament tal-imsemmi nfiq għandu jiġi assenjat lill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG). Għaldaqstant, mill-formulazzjoni tal-imsemmi Artikolu 11 u mit-tqassim tar-Regolament Nru 320/2006 jirriżulta b'mod ċar li l-ammont temporanju għandu jitħallas mill-impriżi kkonċernati matul is-snin kollha ta' kummerċjalizzazzjoni msemija u għandhom iħallsu l-ammont sħiħ.

(ara l-punti 20-22, u d-dispożittiv 1)

2. L-Artikolu 11 tar-Regolament Nru 320/2006, li jistabbilixxi skema temporanja għar-ristrutturar tal-industrija taz-zokkor fil-Komunità Ewropea li jemenda r-Regolament Nru 1290/2005 dwar il-finanzjament tal-politika agrikola komuni, ma jipprekludix il-prinċipju ta' attribuzzjoni tal-kompetenzi.
3. L-Artikolu 11 tar-Regolament Nru 320/2006, li jistabbilixxi skema temporanja għar-ristrutturar tal-industrija taz-zokkor fil-Komunità Ewropea li jemenda r-Regolament Nru 1290/2005 dwar il-finanzjament tal-politika agrikola komuni, ma għandu l-ebda irregolarità fir-rigward tal-obbligu ta' motivazzjoni.

Intiż sabiex jikkontribwixxi għar-ristrutturazzjoni tal-industrija taz-zokkor fil-Komunità, il-ġbir ta' ammont temporanju dovut, skont l-imsemmi Artikolu 11, mill-impriżi għar-ristrutturazzjoni, jikkostitwixxi miżura ta' politika agrikola komuni adottata regolarmen fuq il-bażi tal-Artikolu 37 KE. Il-fatt li jkun hemm eċċess ta' dħulf-fit-tmiem ta' tali skema temporanja ta' ristrutturazzjoni multiannwali u li dan l-eċċess jiġi assenjat lill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 1(3) tar-Regolament Nru 320/2006, ma jikkontestax il-kompetenza tal-leġiżlatur Ewropew sabiex jadotta din il-miżura u ma jċahhadhiex min-natura tagħha ta' miżura agrikola. Fil-fatt, l-eċċess eventwali jibqa' jkun iddestinat sabiex jiffinanzja biss miżuri li jaqgħu taħt il-politika agrikola komuni.

Ċertament, il-premessa 2, li tikkonċerna l-arranġamenti finanzjarji tal-imsemmi skema, ma tesponix ir-raġunijiet li ġħalihom, hekk kif jipprovd i-t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 1(3) tal-imsemmi regolament, kull ammont disponibbli fil-fond għar-ristrutturar wara l-iffinanzjar tal-infıq, għandu jiġi assenjat lill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG). Madankollu, fid-data rilevanti sabiex tīgi evalwata l-legalità ta' dan l-att, jiġifieri d-data tal-adozzjoni tiegħu, kienet biss l-eżistenza ta' eċċess residwu eventwali tal-fond għar-ristrutturar wara l-implementazzjoni ta' dan l-infıq li kienet prevedibbli. Għalhekk, id-deċiżjoni li dan l-eċċess jiġi assenjat lill-FAEG, li l-fond għar-ristrutturar jagħmel parti minnu, saret biss fuq għażla teknika li ġħaliha ma kinitx meħtieġa ragħuni speċifika.

(ara l-punti 37-39, u d-dispożittiv 2)

(ara l-punti 29, 30, 32, 33, u d-dispożittiv 2)

4. L-Artikolu 11 tar-Regolament Nru 320/2006, li jistabbilixxi skema

temporanja għar-ristrutturar tal-industrija taz-zokkor fil-Komunità Ewropea u li jemenda r-Regolament Nru 1290/2005 dwar il-finanzjament tal-politika agrikola komuni, u l-ġbir tal-ammont temporanju b'applikazzjoni ta' dan ma jistgħux jitqiesu li huma kuntrarji għall-prinċipju ta' proporzjonalità.

mill-produtturi, tal-imsemmija skema temporanja.

(ara l-punti 45, 46, 48, 50, 51, u d-dispożittiv 2)

Fil-fatt, meta l-leġiżlatur tal-Unjoni jkun obbligat jevalwa l-effetti futuri ta' leġiżlazzjoni li tkun se tīgi adottata u l-effetti tagħha ma jistgħux ikunu previsti b'eż-żattezza, l-evalwazzjoni tiegħu tista' biss tīgi kkritikata jekk din kienet tidher manifestament żbaljata fid-dawl tal-elementi li huwa kellu fil-mument tal-adozzjoni tal-leġiżlazzjoni inkwistjoni. Issa l-imsemmi ammont temporanju ġie ffissat fuq il-bażi tal-effetti futuri tal-iskema ta' ristrutturazzjoni stabbilita minn dan ir-regolament mingħajr ma dawn l-effetti jkunu jistgħu jiġu previsti b'eż-żattezza. Billi l-evalwazzjoni tal-infiq u tad-dħul meħtieġ sabiex jagħmel tajjeb għalihom ma dehritx li kienet manifestament żbaljata fid-dawl tal-elementi li kellu l-leġiżlatur Komunitarju fil-mument tal-adozzjoni tar-Regolament Nru 320/2006, peress li l-ammont ta' eċċess ma kienx biżżejjed sabiex juri l-eżistenza ta' tali żball, ma jidherx li l-iffissar tal-ammont temporanju kien manifestament inadegwat sabiex jintlaħaq l-għan intiż ta' finanzjament,

5. Minkejja li kien hemm eċċess ta' fondi għar-ristrutturazzjoni, il-ġbir tat-tieni rata tal-ammont temporanju għas-sena 2008/2009, previst bl-Artikolu 11(2) tar-Regolament Nru 320/2006, li jistabbilixxi skema temporanja għar-ristrutturar tal-industrija taz-zokkor fil-Komunità Ewropea u li jemenda r-Regolament Nru 1290/2005 dwar il-finanzjament tal-politika agrikola komuni, ma huwiex nieqes minn bażi legali valida. Konsegwentement, dan ma jikkostitwixx arrikkiment indebitu tal-Unjoni li jista' legittimamente jissostanzja azzjoni għal ħlas lura u, fi kwalunkwe każ, ma jistax jiġi invokat sabiex tīgi evalwata l-validità tal-imsemmi Artikolu 11 peress li dan jikkostitwixxi l-bażi legali għal dan il-ġbir. Fil-fatt, sabiex tintlaqa' azzjoni għal ħlas lura bbażata fuq l-arrikkiment indebitu tal-Unjoni teħtieġ il-prova ta' arrikkiment min-naħħa tal-Unjoni mingħajr bażi legali valida u ta' tifqir tal-applikant marbut mal-imsemmi arrikkiment.

(ara l-punti 53, 54, u d-dispożittiv 2)